*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,505, 13 ta' Novembru, 2009*
*Taqsima B*

**A.L. 337 ta' l-2009**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

### Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ, u dawn għandhom jinqraw u jifthemu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ, hawn aktar 'il quddiem msejjħa bħala "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 525 tal-2004.

**2.** Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

(a) ir-regolament kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-sub-regolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:-

"(2) Id-drittijiet għal liċenza u l-multi u d-drittijiet għal *e-tracking* għandhom jiġu stabbiliti skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

**3.** Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din l-iskeda ġdida li ġejja: Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

**“SKEDA**

**Applikazzjoni u Drittijiet għal Liċenza għal operaturi ta’ *water tanker***

Regolament 7 (2)

Drittijiet ta’ liċenza u multi għal *e-tracking* għal *water tankers*:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Dritt għal liċenza annwali | €200 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma |
| 2 | Dritt għal *e-tracking* annwali | €425 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma |
| 3 | Dritt ta’ darba għal installazzjoni ta’ *sensor* għal livell ta’ l-ilma għal *water tanker* jew karru | €800 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma”. |

**L.N. 337 of 2009**

**MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT**
**(CAP. 423)**

**Water Supply and Sewerage Services (Amendment) Regulations, 2009**

IN exercise of the powers conferred by sub-article (1) of article 28 of the Malta Resources Authority Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority has made the following regulations:

**1.** (1) The title of these regulations is the Water Supply and Sewerage Services (Amendment) Regulations, 2009 and they shall be read and construed as one with the Water Supply and Sewerage Services Regulations, 2004 hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 525 of 2004.

**2.** Regulation 7 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 7 of the principal regulations.

(a) the whole regulation shall be renumbered as subregulation (1) thereof; and

(b) immediately after sub-regulation (1) as renumbered there shall be added the following new sub-regulation:-

"(2) The licence fees and the charges and fees for e-tracking of water tankers shall be as established in terms of the Schedule to these regulations.".

**3.** Immediately after regulation 15 of the principal regulations, there shall be inserted the following new schedule: Adds new Shedule to the principal regulations.

## “SCHEDULE

## Application and Licence Fees to Water Tanker Operators

Regulation 7 (2)

Licence fees and charges for e-tracking to water tankers:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Annual licence fee | €200 per water tanker or trailer licensed to transport water |
| 2 | Annual fee for e-tracking | €425 per water tanker or trailer licensed to transport water |
| 3 | One time fee for installation of water level sensor to water tanker or trailer | €800 per water tanker or trailer licensed to transport water”. |

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19